# Mro Paolo Nani L.L.D

## *Mitejn sena mit-twelid tal-kompożitur tal-famuża antifona "Sancte Paule"*

Tagħrif miġbur minn Joseph



Wieħed jistaqsi min hu Paolo Nani? Paolo Nani twieled fit-18 ta' Novembru 1814 u hu kien l-akbar fost ħames aħwa. Imwieled fil-Belt Valletta, hu kien magħruf bħala bniedem ċajtier u ferrieħi. F'Diċembru tal-1832 hu ggradwa bħala avukat mill-Università ta' Malta, kif kien imħajjar jagħmel minn missieru sa minn ċkunitu. Ġara li Paolo għażel dak li dejjem ħabb, il-karriera mużikali u l-professjoni ta' avukat ma pprattikaha qatt. Beda jistudja l-mużika taħt Emmanuele Muscat u Giuseppe Burlon. F'Lulju tal-1833, Nani mar fil-Belt ta' Napli sabiex hemm ikompli l-istudji mużikali tiegħu. Fil-fatt, hu studja taħt numru ta' kompożituri magħrufa fosthom Gaetano Donizetti, Antonio Zingarelli, Giovanni Furno u Francesco Ruggi.



Wara li ġie lura Malta għalkollox fis-sena 1838, hu waqqaf il-*Cappella Nani* fejn beda x-xogħol tiegħu fil-qasam tal-mużika sagra, bl-ewwel knejjes ikunu tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, kif ukoll ta' San Pawl Nawfragu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl ukoll fil-Belt Valletta. Il-kompożitur ikkompona diversi xogħlijiet ta' mużika sagra, iżda bla dubju ta' xejn ismu jibqa' sinonimu mal-antifona "Sancte Paule" li hu kien ikkompona fis-sena 1840 għall-festa titulari ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

Bejn l-1841 u l-1887, Paolo kien inħatar direttur, l-ewwel fit-Teatru Manoel u aktar tard fit-Teatru Rjal. Fis-sena 1878 Paolo ġie rikonoxxut b'midalja tad-deheb u diploma mir-*Reale Associazione dei Benemerenti Italiani di Palermo*. Sena wara, fl-1879, hu ġie maħtur membru onorarju tal-*Accademia Filarmonica di Bologna*.

Tul karriera ta' aktar minn 40 sena fil-kamp mużikali, Mro Nani kiteb bil-bosta, bil-maġġoranza jkunu xogħlijiet ta' mużika sagra. Iżda hu kkompona wkoll is-sinfonija ''La Bizzarra", ir-romanza "Sovra Malta", żewġ xogħlijiet għat-Teatru Minku u "Ħars ta' Grezzia", "The Flower Show March" u opra komika "Mezzanotte" li tellgħet fit-Teatru Manoel fit-22 ta' Mejju 1844. Iżda bla dubju, huwa jibqa' l-aktar magħruf għall-antifoni tal-festi bl-aktar imsemmija jkunu "Sancte Paule" (1840), "Flos Carmeli" (1861), "Ecya Sum" (1875), "Beata Mater" (1881) u "Beati Juliani" (1893).

Dottor Paolo Nani miet fit-22 ta' Marzu 1904. Il-funeral tiegħu kien organizzat mill-kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fejn erba' snin qabel, din l-istess kolleġġjata kienet onoratu b'diploma kommemorattiva u tazza tal-fidda għal ħidmietu bħala *Maestro di Cappella* ta' dik il-Kolleġġjata. Waqt il-funeral, fil-quddiesa ndaqqet għall-ewwel darba l-famuża "Requiem" ta' ibnu Mro Antonio Nani. Mro Paolo Nani jinsab midfun fil-kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.

(Ref. http://maltinmaghrufa.weebly.com/nani-paolo.html)

O San Pawl ħarisna dejjem, ibqa' żommna magħqudin
Int ir-ragħaj li tieħu ħsiebna, int patrun tal-Ħalsafin.

Il-Kumitat tal-Każin San Pawl
jixtieq javża illi għandu għall-bejgħ
**CDs u Badges**
**ta' San Pawl.**
Dawn jistgħu jinxtraw
mingħand il-kumitat.